MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 5/1998/1

**Carmelo Farrugia, u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph, Neville, Victor, Rosette, Mario u Noel ahwa Farrugia bhala eredi ta' Carmelo Farrugia, Vincenzo Farrugia, Spiridione Farrugia, Guido Farrugia, Lucy armla minn Domenico Farrugia, Joseph Farrugia, u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2004 gie kjamat fil-kawza Michael Cassar Desain, Winifred mart Austin Muscat Scerri, u b'digriet tas-27 ta' April 2001 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Austin Muscat Scerri, armel ta' Winifred, Erica xebba, Maria mart Vanni Hili u Dominca mart Wallace Fino minflok il-mejta Winifred Muscat Scerri mart Austin Muscat Scerri**

**vs**

**L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit, Charles Cachia Zammit Cachia Zammit f'ismu proprju u bhala mandatarju generali ta' Joseph Cachia Zammit, Vincent Cachia Zammit, Suor Colomba fis-seklu Camilla, il-Perit Arkitett u Inginjier**

**Civili Richard England Sant Fournier, Mary armla minn Anthony Falzon Sant Manduca, Veneranda *sive* Wanda Bradshaw armla minn John Bradshaw f'isimha proprju u bhala mandatarja generali ta' Marianne mart Keith Begot, Philip Bradshaw, Richard Bradshaw u Maureen Crossey, il-Markiza Evelyn armla minn James Cassar Desain, Veronica mart Bernard Brockdorff f'isimha propju u bhala mandatarja generali ta' Lawrence Cassar Desain, Anne mart Mario Said, Christine mart Lino Delia, f'isimha propju u bhala mandatarja generali ta' Nathaline mart Paul Saville Lilian Ina mart John Bugeja, Berta mart Joseph Camilleri, Alfred Falzon Sant Manduca, Sean Bradshaw, Caroline mart Joseph Falzon u Anna mart Godfrey Abela u b'digriet tad-9 ta' Gunju 1999 u tat-22 ta' Gunju 1999 l-atti gew mghoddija wkoll fis-segwenti:**

**1. Lawrence u Richard ahwa Cachia Zammit**

**2. Raymond Cachia Zammit, Anna mart Raphael Zammit u Richard Cachia Zammit**

**3. Charles u Joseph ahwa Cachia Zammit u Vincent Cachia Zammit**

**4. Marion mart Keith Legault, Marueen mart Robert Crossey u Richard Bradshaw, Philip Bradshaw, Caroline mart Joseph Falzon, Anna mart Godwin Abela u Sean Bradshaw (ara pagna 19 u 22) u dan minhabba l-mewt fil-mori tal-kawza ta'Joseph Cachia Zammit, Vincent Cachia Zammit, Suor Colomba u Veneranda Bradshaw**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Ottubru, 2008, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Ic-"Chairman" tal-Bord,
>
> Ra' c-citazzjoni in esami li biha l-atturi wara li ppremettew:-

Peress li l-konvenuti pprezentaw rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera fl-ismijiet "L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmel Farrugia et" (Rikors Nru 64B/93) fejn ippremettew illi l-istanti jikru minghandhom il-fond ossia hanut fil-Belt Valletta, fi Triq ir-Repubblika li jgib in-numru mitejn wiehed u hamsin (251) bil-kera korrispettiva ta' sittin lira Maltin (Lm60) fis-sena li jithallsu kull sitt (6) xhur bil-quddiem l-ahhar skadenza taghlaq fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 1993.

Illi dan il-fond gie sullokat minghajr il-kunsens espress tas-sidien.

Illi oltre l-intimati esegwew ossia ippremettew alterazzjonijiet strutturali f'dan il-fond minghajr il-kunsens espress tas-sidien.

Ghadaqstant huma talbu lill-Bord li joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond fuq imsemmi fi tmiem il-prezenti perjodu ta' rilokazzjoni.

Illi l-istanti b'risposta minnhom prezentata ssottomettew illi preliminarjament l-atti riedu jigu legittimati peress li l-intimat Vincenzo Farrugia kien mejjet u l-uniku eredi tieghu huwa l-intimat Joseph Farrugia.
Illi l-kera tal-fond in kwistjoni huwa ta' Lm60 fis-sena u mhux Lm20.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-esponenti ma' ssullokawx il-fond mikri u lanqas ghamlu alterazzjonijiet fih.

Ghaldaqstat it-talba tar-rikorrenti kollha tigi michuda bl-ispejjes.

Illi l-Bord li Jirregola l-Kera b'sentenza moghtija fis-7 ta' Jannar 1998 iddecieda illi s-segregazzjoni tal-entratura mill-korp tal-fond mikri tikkostitwixxi

alterazzjoni strutturali li tmur kontra l-kundizzjonijiet tal-kiri u ghalhekk a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap 69, laqa t-talba tar-rikorrenti u awtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond mikri u ghal fini tal-izgumbrament mill-intimati pprefigga t-terminu ta' tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjes kontra l-intimati.

Illi l-atturi qedghin jitolbu s-smiegh mill-gdid tal-kawza deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-7 ta' Jannar 1998 ghat-tenur tal-Art 811 (L) tal-Kap 12 peress li l-Bord li Jirregola l-Kera fis-seduta tas-7 ta'Jannar kien iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghas-seduta ta' 13 ta' Mejju 1998 u wara dan id-differiment fl-istess seduta ghadda biex ta' d-decizjoni tieghu fuq imsemmija u dan kontra l-provvedimenti tal-Art 811 (L) tal-Kap 12.

Illi l-fatti li taw lok ghal din l-istanza kienu dawn:

Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 1998 l-atturi Joseph Farrugia u Carmelo Farrugia flimkien mal-Avukat sottofirmat ipprezentaw ruhhom quddiem il-Bord (kif fil-fatt dejjem ghamlu f'kull seduta) biex jaraw jekk is-sentenza kienetx sejra tinghata billi kienet ga giet differita ghall-istess skop f'seduti precedenti sa mis-sena 1996.

Illi l-Bord ordna li l-kawza tigi msejjha u pprezentaw ruhhom l-imsemmija zewg atturi u l-Avukat taghhom.

Il-Bord infurmahom illi s-sentenza ma kienetx sejra tinghata u l-kawza giet differita ghas-seduta tat-13 ta' Mejju 1998 ghall-istess skop.

Dawn iz-zewg atturi u l-Avukat sottofirmat hadu nota tad-data tad-differiment u telqu l-barra.

Fit-18 ta' Frar 1998 l-Avukat sottofirmat gie infurmat mill-Kollega Dottor Doreen Clarke illi kien avvicinaha l-Avukat tar-rikorrent u staqsieha

ghaliex id-decizjoni tal-Bord ma gietx appellata. Din il-kollega informatu illi hija ma kienet taf xejn bil-kaz u kienet sejra tinforma b'dan lill-Avukat sottofirmat.

Meta l-Avukat sottofirmat gie informat b'dan id-diskors wiegeb minnufih illi dik l-kawza kienet giet differita ghat-13 ta' Mejju 1998 u dan gie konfermat meta gie konsultat id-djarju tal-lista tal-kawza dak il-hin stess.

Illi stante li t-terminu tal-appell kien skada l-istanti kellhom jirrikorru ghal procedura odjerna ta' ritrattazzjoni biex jirrimedja ghall-ingustizja li saret fil-konfront taghhom b'sentenza moghtija biex tizgumbrahom mill-fond lilhom lokat minghajr l-opportunita' li jappellaw minhabba li skadenza tat-terminu tal-appell.

Illi jezistu ragunijiet validi fil-ligi biex issir din ir-ritrattazzjoni tal-kawza ghat-tenur tal-Artikolu 811(L) tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kap 12).

Talbu sabiex il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti (korretament "dan il-Bord") m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi hemm ragunijiet validi fil-ligi biex issir ir-ritrattazjoni tal-kawza ghat-tenur tal-Artiklu 811(L) tal-Kodici tal-Procedura Civili
2. thassar is-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fi-7 ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Eccellenza Tieghu et Tabib Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrugia et" (Rik 64B/93);
3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza ghab-bazi tal-imsemmija Artikolu 811(L) tal-Kap 12.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata minn Joseph Farrugia (fol 3 sa fol 5 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

(1) Illi b'rikors prezentat mill-konvenuti odjerni quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza fl-ismijiet "L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrugia et" huma talbu illi jirriprendu l-pussess tal-fond kummercjali 251 Triq ir-Repubblika Valletta peress li allegaw illi l-esponenti kienu ssullokaw dan il-fond lill-terzi minghajr il-kunsens taghhom kif ukoll li kienu esegwew alterazzjonijiet strutturali fil-fond lokat minghajr permess.

(2) Illi l-Bord li Jirregola l-Kera b'decizjoni minnu moghtija fis-7 ta' Jannar 1998 ddecieda l-kawza billi ordna l-izgumbrament tal-esponenti mill-fond imsemmi.

(3) Illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar 1998 l-atturi Carmelo Farrugia u Joseph Farrugia (intimati fil-proceduri quddiem il-Bord) flimkien ma' l-Avukat sottofirmat attendew ghal dik is-seduta li fiha kellha tinghata s-sentenza biex jaraw l-ezitu taghha.

(4) Illi meta issejhet il-kawza c-Chairman tal-Bord infurmahom illi s-sentenza ma kienetx sejra tinghata u l-kawza sejra tigi differia ghat-13 ta' Mejju 1998.

(5) Dawn iz-zewg atturi odjerni flimkien ma' l-Avukat taghhom hadu nota tad-differiment u telqu l'barra.

(6) Fit-18 ta' Frar l-Avukat sottofirmat gie nfurmat mill-kollega tieghu Dottor Doreen Clarke illi giet avvicinata mill-Avukat tar-rikorrenti li staqsieha ghaliex dik is-sentenza ma gietx appellata.

(7) Meta Dottor Clarke infurmat b'dan lill-Avukat sottofirmat dan issorprenda ruhu u haseb li kien hemm zball peress li kien konvint li l-kawza kienet gia differita ghas-sentenza ghas-seduta ta' 13 ta' Mejju 1998.

(8) Dan gie konfermat meta immedjatmant ikkonsulta ruhu mad-djarju tas-seduti tal-kawzi.

(9) Illi l-ghada pero mar biex jikkontrolla x'kien gara ezattament u sab illi l-kawza giet effettivament deciza fis-seduta tas-17 ta'Jannar 1998 wara, li huwa u z-zewg atturi msemmija telqu mill-Awla kif spjegat hawn fuq.
(10) Illi bhala konsegwenza ta'din l-irregolarita l-esponenti tilfu d-dritt ta' appell peress li t-terminu legali kien skada.
(11) Illi biex jirrimedjaw ghal din l-ingustizzja qedghin jitolbu bl-odjerna citazjoni t-thassir tas-sentenza tal-Bord tal-Kera fuq imsemmija u s-smiegh mill-gdid tal-imsemmi rikors.
(12) Illi din ir-ritrattazjoni qedha tintalab ghat-tenur tal-Art 811(L) tal-Kap 12 peress li s-sentenza tal-Bord kienet l-effett ta' zball fl-atti processwali billi minflok ma tnizzlet fil-verbal id-data tad-differiment tal-kawza moghtija apertament mill-Bord gie minflok notat li l-kawza kienet giet deciza dakinhar stess.

Xhieda

L-atturi Joseph Farrugia u Carmelo Farrugia kif ukoll l-Avukat Vincent Falzon biex jixhdu dwar il-fatti fuq dikjarati. L-Avukatessa Doreen Clarke u Dottor Norvil Desira biex jixhdu dwar meta l-fatt tad-decizjoni tal-Bord gie a konjizzjoni tal-Avukat Vincent Falzon u successivament lill-atturi Joseph Farrugia u Carmelo Farrugia.

Il-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 8 ibid) u li biha eccepew sussegwentement:

1. Illi, in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija irrita u nulla stante illi qieghdha tigi bbazata fuq disposizzjonijiet zbaljati tal-ligi, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;
2. illi in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni fuq sollevata, l-azzjoni attrici hija f'kull kaz insostenibbli, billi l-

fatti u r-ragunijiet spjegati mill-atturi ma jinkwadrawx ruhhom fid-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu, citat fic-citazzjoni attrici bhala bazi ghar-ritrattazzjoni mitluba mill-istess atturi.
3. Illi, minghajr pregudizzju ghal fuq espost u fuq il-meritu, it-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi, in vista tal-infondatezza, kemm bhala fatt u kif ukoll fid-dritt, tal-fatti illi fuqhom l-atturi qeghdin jitolbu r-rimedju ta' ritrattazzjoni fic-citazzjoni odjerna.

Ra' d-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti, guramentata mit-Tabib Alexander Cachia Zammit (fol 9 ibid) u li biha esponew bir-rispett:

1. Illi l-azzjoni attrici hija irrita u nulla stante illi qieghda tigi bbazata fuq disposizzjonijiet zbaljati tal-ligi;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatti u r-ragunijiet spjegati mill-atturi ma jinkawdrawx ruhhom fid-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu, citat fic-citazzjoni attrici bhala bazi ghar-ritrattazzjoni mitluba mill-istess atturi;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghal fuq espost, il-fatti dikjarati mill-atturi, bhala bazi ghar-ritrattazzjoni mitluba minnhom, huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

Ra kif ukoll il-lista tax-xhieda hemm annessa.

Ra id-digriet moghti fid-9 ta' Gunju 1999 (fol 19 sa fol 23A ibid) kif ukoll dak a fol 34 ibid moghti fil-11 ta' Jannar 2002 data tad-9 ta' Jannar 2004 (fol 53 sa fol 56 ibid) moghti fil-11 ta' Ottubru 2005 a fol 71 u 72 ibid) u dak moghti fil-11 ta' Ottubru 2005 a fol 71 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet <u>ulterjuri</u> a fol 36 ibid) u li biha l-konvenuti eccepew bir-rispett:-

1. Illi c-citazzjoni odjerna hija nulla u bla ebda effett fil-ligi, stante illi l-azzjoni odjerna ma gietx

intavolata fil-konfront tar-rikorrenti kollha illi kienu intavolaw ir-rikors numru 64B/93 fl-ismijiet "L-Eccellenza tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrugia et" u li huma lkoll indikati fis-sentenza definittiva moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-7 ta' Jannar 1998, illi taghha qieghda tintalab it-twaqqif mill-ezekuzzjoni permezz tal-kawza odjerna.

Ra l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota tal-osservazzjonjiet tar-rikorrenti (fol 79 et seq fl-atti tac-citazzjoni numru 6/98)

**Ikkunsidrat**

Illi hawnhekk, jkun opportun illi ssir referenza ghall-provi prodotti f'dan il-kaz, liema provi kienu kemm verbali kif permezz ta' dokument konsistenti fl-atti kollha tal-kawza in esami u li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Dawn il-provi fil-qasir u li, fil-fehma ta' dan il-Bord, huma rilevanti ghat-talbiet in esami, kienu s-segwenti:-

a) L-attur ma ohrajn Joseph Farrugia (fol 62 spjega illi fil-gurnata li fiha inghatat is-sentenza tal-Bord cjoe fis-7 ta' Jannar 1998, hu kien presenti fl-awla flimien ma zijuh kif ukoll l-Avukat difensur taghhom Dottor Vincent Falzon. Dwar dan, hu kompla billi qal testwalment "… meta dehrna f'dik il-gurnata, l-istess Magistrat "Chairman" tal-Bord kien qalilna illi l-kawza kienet ser tigi differita u mhux se tinghata s-sentenza. Taghna ukoll id-data tad-differiment. Minhabba hekk tlaqna l-barra mill-awla "Pero' xi gimghat wara din id-data, l-istess Avukat difensur kien informah illi, wara li kien gara dak kollu kif gie spjegat minnu, il-Bord kien filfatt, ippronunzja s-sentenza fis-7 ta'Jannar 1998.

b) L-istess Avukat Dottor Vincent Falzon (fol 64 et seq ibid) waqt li kkonferma, taht gurament, dak li kien, di gja xehed Joseph Farrugia, kompla jispjega illi "… rrid inzid, fil-fatt, x'kienet id-data

tad-differiment li nghatat lilna … kienet it-13 ta' Mejju (1998)" u "Filfatt kemm jiena …… nizzilnieha fid-"diaries" taghna …" Inoltre, minhabba dak li kien gara', kien skada t-terminu tal-appell.

c) Mill-atti tar-rikors numru 64B/93 anness mal-atti ta' din il-kawza jirrizulta illi fis-6 ta' Gunju 1996, il-kaz kien gie differit ghas-sentenza, ghas-26 ta' Gunju 1996 (fol 56 ibid). Pero kif jidher, a fol 64 ibid, l-istess Bord kien issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u kien iddiferiha, ghal dan il-ghan ghal 31 ta' Lulju 1996. Sussegwentement, kien hemm serji ta' differimenti dejjem ghall-istess skop kif jidher a fol 68 sa fol 72 ibid sakemm, kif jidher fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar (fol 73 ibid) "Meta ssejjhet il-kawza deher Dr Francesco Depasquale. Il-kawza giet deciza"

Ikkunsidra

Illi l-fatti in esami u kif hawn fuq esposti, matul dawn il-proceduri bl-ebda mod ma gew kontradetti minn xi prova jew provi kontrarji prodotta da parti tal-konvenuti. Dwar dan jigi rilevat illi z-zewg xhieda prodotti mill-atturi li ddeponew f'dawn l-atti huma altament kredibbli. Ghalhekk qed jigi ritenut illi dak li xhieda effettivament jirrifletti dak li verament gara fis-seduta quddiem il-Bord u li biha nghatat is-sentenza in esami.

Ikkunsidrat

Illi dan premess, ser jigi konsiderat jekk dak li gara' jinkwadrax ruhu fl-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess artikolu jghid illi ritrattazzjoni ta' kawza deciza fil-prima istanza tista tintalab f'kaz li s-sentenza kienet l-effett ta' zball risultanti mill-proceduri jew dokumenti tal-istess kawza. Fl-istess artikolu hemm definizzjoni ta' x'tista' tfisser il-kelma "zball". Difatti jinghad illi jezisti tali zball biss meta d-decizjoni hi bazata fuq is-supposizzoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla

dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jesistix xi fatt li l-verita tieghu tkun stabbilita posittivament basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt illi jkun gie deciz mis-sentenza.

Ikkunsidra

Illi ma hemm ebda dubbju illi, fil-kawza u sentenza in desamina, sar zball materjali u gravi li bhala risultat tieghu, gab konsegwenza li ppregudikaw lill-atturi billi meta l-premess gie skopert mill-attur, kien skada t-terminu tal-appell u b'hekk is-sentenza in esami ghaddiet in gudikat finali.

Illi hu minnu ukoll illi dan l-izball kien sar qabel ma kienet inghatat l-istess sentenza u b'hekk waqt il-proceduri relattivi.

Ikkunsidra

Illi, pero, tenut kont, illi gie ritenut diversi drabi, illi l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghal rimedju straodinarju u l-istess artikolu ghandu jigi interpretat b'mod restrittiv.

Illi, difatti, dan il-Bord ma hux sodisfatt illi l-izball f'dan il-kaz jinkwadra ruhu fl-artikolu 811(l) li jirrestrigi dak li ghandu jigi konsiderat bhala zball ghal:-

a) meta d-decizjoni ossija sentenza hi bazata fuq fatt anzi s-supposizzjoni ta' fatt li l-verita tieghu tkun giet esklusa minghajr ebda dubbju jew;

b) fuq is-supposizzjoni li ma jesistix xi fatt li l-verita tieghu tkun giet posittivament stabbilita ossija pruvata u dan bil-kondizzjoni li fiz-zewg kazijiet l-istess fatt jkun wiehed kontesatat u li gie deciz fis-sentenza.

Illi minn dan jidher illi sabiex kawza ta' ritrattazzjoni ta' kaz gja deciz jkollha success u esitu posittiv, ghandu jirrisulta zball ta' fatt fis-sens illi l-Qorti ossija Bord li jippronunzjat l-istess

> sentenza tkun ghamlet tali zball, gravi u sostanzjali, izda li gara jew minhabba li l-istess Qorti ma haditx in konsiderazzjoni fatt li, b' mod car, jirrisulta mill-provi prodotti waqt is-smiegh tal-istess kaz jew, vici-versa, hadet in konsiderazzjoni sabiex tasal ghall-istess decisjoni fatt li jirrizulta eskluz, mill-istess provi ossija atti u dokumenti, tal-istess kaz.
>
> Illi l-kaz in esami hu wiehed li bl-ebda mod ma jista' jinkwadra ruhu taht dak li ghadu kemm gie premess u konsegwentement tenut kont li dan il-Bord ghandu idejh marbutin bid-definizzjoni u limitazzjoni ta' xi jfisser "zball" fil-kontest tal-artikolu 811(L) in esami.
>
> Illi, ghalhekk, it-talbiet in esami ghandhom jigu michuda, b'certa riluttanza da parti tal-istess Bord.
>
> Ghal dawn il-motivi c-"Chairman" tal-Bord jichad it-talbiet attrici waqt li l-ispejjes, minhabba c-cirkostanzi kif hawn fuq esposti, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Dan hu appell minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera li cahdet it-talba ta' l-atturi ghar-ritrattazzjoni tal-kawza in bazi ghall-inciz (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12. L-appellanti jissottometti illi gjaladarba l-Bord fl-udjenza tas-7 ta' Jannar, 1998 kien gharrafhom illi l-kawza per rikors Numru 64B/93 fl-ismijiet "Dr. A. Cachia Zammit *et* -vs- Carmelo Farrugia *et*" kienet ser tigi ddifferita ghat-13 ta' Mejju, 1998, dan ma kellux jghaddi ghas-sentenza dakinhar stess. L-appellanti jippretendu fuq is-sinjifikat li huma jaghtu lill-kelma "*proceedings*" fit-test Ingliz ta' l-Artikolu 811 (l) illi din tikkomprendi mhux biss id-dokumenti prodotti matul il-kawza izda kull att jew fatt, registrat jew le, li jifforma prova ta' l-ezistenza tieghu b'kull mod, li kienu parti mill-procediment tal-kawza;

Koncizament, fit-twegiba ghal dan l-appell il-konvenuti jissottomettu illi (i) f'kaz ta' konflitt it-test Malti ghandu jipprevali fuq dak bl-Ingliz a norma ta' l-Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni u (ii) f'kull kaz, ma jirrizulta ebda zball mill-atti jew mill-"*proceedings*" fis-sens tal-ligi;

Fl-espressjoni tal-ligi bil-Malti skond l-inciz (l) ta' l-Artikolu 811, talba ghar-ritrattazzjoni hi possibbli jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza". Agguntivament, jinsab dettat illi "ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza";

Huwa immedjatament rilevabbli minn dan l-inciz appena riprodott illi:-

(1) L-izball ta' fatt jippresupponi l-kuntrast bejn zewg rapprezentazzjonijiet diversi ta' l-istess oggett emergenti l-wahda mis-sentenza u l-ohra mill-atti jew dokumenti processwali, basta li mill-banda l-wahda r-realta` dezumibbli mis-sentenza tkun frott ta' percezzjoni falza jew ta' zvista materjali, obbjettivament rilevabbli, u mhux ukoll ta' valutazzjoni jew ta' gudizzju, u mill-banda l-ohra, dak rizultanti mill-atti ma jkunx gie kontestat mill-parti. Jinghad a propozitu fi skorta ta' decizjonijiet illi "*l'errore che puo` costituire motivo di ritrattazione dev'essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione, ed è necessario ancora che tale errore abbia determinato la decisione del giudice*" ("**Giuseppe Luigi Bonnici -vs- Dottor Carlo Galea Naudi**", Appell Civili, 3 ta' April, 1922);

(2) L-izball irid ikun essenzjali u deciziv. Dan fis-sens illi bejn il-percezzjoni errata tal-gudikant u l-pronunzjament tas-sentenza jrid jissussisti rapport kawzali

tali li minghajr dak l-izball is-sentenza kienet tkun diversa. Anke f'dan il-kuntest jinsab osservat mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, illi "*che l'errore si trovi in rapporto di causalita` colla decisione, e che il fatto non avesse gia formato un punto controverso e decisivo colla sentenza impugnata*". Ara "**Alessandro Gauci -vs- P.L. Constantino Fenech**", 17 ta' Novembru, 1920 u "**Negte. Giuseppe Vella Zarb -vs- Antonio Bartolo *et***", 3 ta' Frar, 1930;

(3) Fi kliem iehor, b'rakkoljiment ta' dak li nghad:-

(a) l-izball ta' fatt ghal liema jirreferi l-inciz (l) ta' l-Artikolu 811 irid jikkonsisti fl-affermazzjoni jew supposizzjoni ta' l-ezistenza, jew inezistenza, ta' fatt li l-verita` dwaru tirrizulta invece, u anke b'mod indiskutibbli, eskluza jew accertata in bazi ghall-atti jew id-dokumenti tal-kawza;

u (b) l-izball irid ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant. Jigifieri, illi l-istess zball ikun ikkostitwixxa l-fondament principali tas-sentenza;

Premess dan, jinghad, dejjem mill-Qorti ta' l-Appell, fl-ismijiet "**Roger Ruggier -vs- Beatrice Pisani**", 7 ta' Ottubru 1997 illi "biex il-Qorti tiddetermina jekk it-talba ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv setghetx jew le tkun gustifikata hu mehtieg li jigu verifikati l-premessi ta' fatt li fuqhom l-attur ibbaza t-talba tieghu f'din l-azzjoni. Dan ghaliex taht dan is-subinciz hu mehtieg li l-izball ikun wiehed dwar fatt li fuqu l-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha sew jekk il-Qorti tkun issoponiet li tali fatt verament kien ezista meta mill-atti u mid-dokumenti ma jkunx irrizulta, sew jekk issoponiet li l-fatt ma jkunx sehh meta tkun positivament mill-atti jew mill-dokumenti jirrizulta li avvera ruhu";

Fil-kaz prezenti fuq dak premess mill-appellanti fic-citazzjoni taghhom quddiem il-Bord, kif ukoll issa f'din is-sede, in bazi ghas-sottomissjonijiet taghhom bl-aggravju, huwa bil-wisq evidenti u ovvju illi huma bl-ebda mod ma jadducu l-ezistenza tax-xorta ta' zball li jidher mill-atti jew

mid-dokumenti tal-kawza. Minn imkien ma jidher li l-Bord wasal ghal decizjoni zbaljata (7 ta' Jannar, 1998) fil-qafas tal-parametri precizi ta' l-inciz predett tal-ligi, kif aktar 'il fuq imfisser bir-rikorrenza ghall-gurisprudenza stabbilita. Hekk ma hemm l-ebda rapport ta' kawzalita necessarja bejn l-allegat zball – dak tad-differiment tal-kawza – u l-pronunzjament fil-konkret moghti mill-Bord. Kif ghal darb'ohra osservt mill-Qorti ta' l-Appell, "l-allegat zball irid jirrizulta mill-konfront bejn l-allegazzjoni tar-ritrattand ma' l-atti processwali. Jekk f'dan il-konfront ma jirrizulta ebda kuntrast, mhux permess li jigi akkordat smiegh mill-gid taht dan is-subinciz" ("**Charles Farrugia *et* -vs- Benny Schembri**", 7 ta' Ottubru, 1996);

Minn dan dedott huwa percepibbli illi s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi jezisti l-izball kwalifikat mil-ligi in bazi ghall-assunt taghhom illi s-sentenza nghatat f'data differenti minn dak li huma kellhom rekordjat fid-*diary* taghhom, anke jekk apparentement veritiera, mhix sostenibbli. Kif issokta jinghad fid-decizjoni appena msemmija "din is-sottomissjoni in fatti timporta proprju dak li l-ligi riedet teskludi, u cjoe indagini ta' allegat zball 'il barra mill-atti tal-kawza, 'il barra mid-dokumenti fiha esebiti u lil hinn mill-operat tal-gudikant in relazzjoni ma' l-atti quddiemu";

Jikkonsegwi fil-fattispeci illi l-Bord sewwa rraguna fis-sentenza appellata ( 6 ta' Ottubru, 2008) illi l-kaz in ezami lilu propost ma kienx jinkwadra ruhu fl-argini ristretti ta' l-Artikolu 811 (l) tal-Kapitolu 12. Ir-ritrattandi seta' kellhom xi forma ta' rimedju iehor imma certament mhux dan, hekk ta' indoli straordinarja, eccezzjonali u ta' interpretazzjoni strettissima. Mhux allura konfigurabbli x-xorta ta' l-izball revokatorju dedott mill-appellanti u huwa ghal kollox inutili li huma jikkollegaw ruhhom ghall-portata tal-kelma "*proceeding*" fit-test bl-Ingliz tal-ligi, kemm ghaliex, kif sottomess mill-appellanti, hu t-test bil-lingwa Maltija li jghodd, kemm ghaliex ukoll, u fuq kollox, il-kuntrast bejn iz-zewg rapprezentazzjonijiet diversi ta' l-istess oggett naxxenti mis-sentenza u mill-atti jew id-dokument processwali f'dan il-kaz hu eskluz.

Ghal dawn il-motivi kollha u dawk l-ohra li wasal ghalihom il-Bord li Jirregola l-Kera, din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------